MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 58

18 ta' Awwissu 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 58 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ħamis 18 ta' Awwissu 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li kien imsiefer fuq xogħol tal-Kunsill.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.3.2. **(Ref: P/4/20/Vol III)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

"4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret l-applikazzjoni fil-forma ta' Development Notification Order (DN 796/11) dwar it-tibdil propost mill-permess oriġinali. Kompla jgħid li t-talba dwar it-trasferiment tas-siġar tal-ficus li attwalment jinsabu fil-misraħ imsemmi, kienet ġiet milqugħa. Huwa qal li l-MEPA ħarġet il-permess minkejja li f'korrispondenza li kien hemm, is-Sindku kien informa lill-istess awtorita` li s-siġar in kwistjoni kien ilhom imħawwlin aktar minn ħamsin sena.".

1.2. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni għall-minuta 7.5. **(Ref: K/1/2/Vol V)** u talab li l-ewwel parti tagħha tiġi ċċarata kif jidher hawn taħt:

*"7.5. Is-Sindku R. Cutajar ċaħad bil-qawwa kollha li saret xi pressjoni fuqu jew fuq xi membru ieħor tal-Kunsill sabiex jinxtara l-fond fi Triq il-Madonna Ta' Fatima. Huwa qal li l-artiklu 19(1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) jirreferi biss għall-interess pekunjarju, li f'dan il-każ ma' jeżistix la fil-konfront tiegħu u lanqas fil-każ tal-Kunsillier P. Cutajar. Dan għar-raġuni li l-MSC hija għaqda volontarja u mhux entita` kummerċjali. Kompla jgħid li d-Dipartiment għall-Gvern lokali intalab jagħti eżenzjoni mill-obbligi statutorji li ssir sejħa għall-offerti għas-sempliċi raġuni li l-post joffri ċerti vantaġġi ovvji, bħalma huma d-daqs u l-posizzjoni tiegħu li jagħmilha aktar faċli li jitniffed mal-uffiċċju eżistenti. Is-Sur R. Cutajar fakkar li dawn il-fatturi huma spjegati fir-rapport li sar mill-Perit Joseph Attard, fejn qabbel it-tliet għażliet li jista' jagħmel il-Kunsill biex ikabbar id-daqs tal-uffiċċju, li huma: dik li jinbena sular ieħor fuq il-fond eżistenti; li jinkera fond ieħor; u li jinxtara il-fond appoġġjat mal-uffiċċju attwali. Il-perit irrakkomanda li l-aktar waħda vijabbli hija dik tal-aħħar. Il-fatturi negattivi tal-fond fi Triq il-Madonna Ta' Fatima ġew identifikati diversi drabi b'mod ċar, kemm waqt is-seduti tal-Kunsill, kif ukoll fil-kuntatti li kien hemm mal-MSC. Dawn tant ittieħdu bis-serjeta` illi kemm-il darba ma jiġux regolarizzati, ser ikun hemm stipulat fil-konvenju li l-Kunsill ikollu l-jedd li ma jersaqx għall-pubblikazzjoni tal-att finali f'każ li l-permessi ma jingħatawx jew jingħataw permessi li ma jkunux a sodisfazzjon tal-istess Kunsill. Huwa qal li mhux ġust li jingħad li d-delegazzjoni tal-Kunsill kienet laxka fin-negozjati mal-*

*MSC dwar il-prezz, meta l-Kunsill kien ilu jiddiskuti dan is-suġġett għal aktar minn sena, fejn il-Kunsillieri kollha kienu mistiedna jkunu preżenti waqt il-kuntatti li saru u kullħadd kellu l-opportunita` li jsemmgħa leħnu. Mill-istess minuti kkwotati mill-Kunsillier J. Buttigieg, jidher biċ-ċar li t-talba oriġinali tal-MSC kienet ta' €250,000. Is-Sur R. Cutajar qal li ma jistax jifhem kif il-grupp tal-Partit Laburista qed imur kontra l-mozzjoni, meta l-perċezzjoni ta' diversi nies intiżi fil-qasam tal-proprjeta` u Melleħin huma favur li l-Kunsill jagħmel dan il-pass. Dan huwa msaħħaħ mill-fatt li huwa nvestiment doppju, fis-sens li l-amministrazzjoni tal-Kunsill tkun tista' tiffunzjona aħjar, filwaqt li l-flus ser jitħallsu lill-għaqda volontarja sportiva, li żgur ser troddhom lura lill-komunita` Melleħija.*

1.3. Is-Sindku rrefera wkoll għall-minuta 12.6. **(Ref: T/12/2; K/1/2/Vol V)** u ppropona li din tinqara kif ġej:

*"12.6. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ser joħroġ stqarrija dwar l-allegazzjonijiet li saru mill-Onor. E. Bartolo fuq il-Konferenza EDEN, kif ukoll dwar il-kontenut tas-servizz mxandar fuq ONE TV. Huwa qal li fit-tweġiba tiegħu, il-Prim Ministru talab lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jinvestiga dwar jekk kienux osservati l-proċeduri applikabbli b'rabta mal-konferenza msemmija.".*

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 57 u għalhekk dawn ġew iffirmati bl-emendi mressqa. Approva wkoll li dan id-dokument jiġi ppubblikat fis-sit elettroniku www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret talba għall-ko-finanzjament għall-proġett imsemmi u allokat sa massimu ta' €5,100, liema somma hija suġġetta għat-termini u kundizzjonijiet skont it-test tal-ftehim li kien hemm mehmuż magħha.

2.1.3. Il-Kunsill awtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju sabiex jiffirma l-ftehim ta' aċċettazzjoni.

2.1.4. Is-Sur R. Cutajar ippropona li waqt il-konferenza f'Casalborgone għandhom jittellgħu *stands* b'ikel tradizzjonali Malti, kif ukoll jitqassmu kopji tad-Direttorju ta' Entitajiet Kummerċjali fil-Mellieħa. Għal din ir-raġuni huwa ssuġġerixxa li jiġu stampati aktar kopji, peress illi l-kunsinna li nġiebet għall-Mellieħa *EDEN Conference* kważi spiċċat kollha.

2.1.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

### 2.2.1. Programm "Mill-Għatba 'l Ġewwa" (M/3/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li r-*recording* tal-programm imsemmi ser isir fit-19 ta' Awwissu 2011 f'nofsinhar u jixxandar fuq Television Malta fl-4 ta' Settembru 2011. Huwa ppropona li wieħed mill-kunsillieri f'isem il-Partit Laburista għandu jieħu sehem ukoll. Dawn wieġbu li ma setgħux minħabba inpenji oħra.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Mellieħa *EDEN Conference* u Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (T/12/2)(K/1/2/Vol V)

2.3.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 12.1. tas-seduta preċenti. Irrefera għal stqarrija datata 9 ta' Awwissu 2011 maħruġa mill-Kunsillieri tal-Partit Laburista fi ħdan il-Kunsill. L-istess stqarrija kkritikat l-eżenzjoni li ta d-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar mill-ħtieġa li ssir sejħa pubblika biex jiġi akkwistat il-fond Nru. 4, fi Triq il-Madonna Ta' Fatima. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li fi stqarrija maħruġa mill-istess Dipartiment fit-18 ta' Awwissu 2011, intqal li kien konsistenti fil-mod kif mexa fuq bl-istess mod fil-każ ta' talba simili li saret mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi b'rabta mal-akkwist ta' fond appoġġjat mal-uffiċċju amministrattiv ta' dik il-lokalita`. Is-Sindku kompla jgħid li qatt ma kien magħruf li d-dar fi Triq il-Mitħna l-Ġdida, appoġġjata mal-uffiċċju, kienet xi darba għall-bejgħ. Fil-fatt sidha ddikjara din il-posizzjoni personalment miegħu.

2.3.3. L-istess atteġġjament intwera fil-każ tal-Mellieħa EDEN *Conference*, fejn il-Prim Ministru talab lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jinvestiga t-transazzjonijiet li saru biex ittellgħet din l-attivita`, liema nvestigazzjoni ma rriżultaw li x-xiri ta' servizzi u materjal sar kollu skont ir-regolamenti finanzjarji. Huwa aċċenna wkoll għall-fatt li n-nefqa fuq din il-konferenza kienet prevista fl-Estimi 2011. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li huwa ferm diżappuntanti kif il-media qed tiġi wżata b'dan il-mod sistematiku kontriħ personali bil-għan li tiskreditaħ mal-pubbliku. Dan minkejja li l-affarijiet isiru fil-parametri tal-liġi u wara li ssir konsultazzjoni u/jew jittieħdu l-pariri professjonali. Dan huwa evidenti anke minn servizz li xxandar fuq ONE TV fis-26 ta' Lulju 2011, fejn ġie rrappurtat eżatt dak li ġara ftit siegħat qabel fis-seduta Nru. 57 li spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija tal-jum ta' qabel.

2.3.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg wieġeb li r-rappreżentazzjonijiet li saru mill-Kunsillieri tal-Partit Laburista qed jiġu xprunati minn membri tal-pubbliku, li kontinwament javviċinahom dwar materji li kemm hu, bħala *minority leader* kif ukoll il-kunsillieri sħabu, ikunu esprimew ir-riżervi tagħhom dwarhom waqt is-seduti tal-Kunsill. Kien hemm każi fuq materji trattati riċentement mill-Kunsill fejn il-grupp Laburista kien qed jiġi akkużat minn xi ndividwi, li kien qed jagħlaq għajnejħ fuq diversi *issues*, meta ma kienx il-każ. F'tali ċirkostanzi ma jkunx hemm triq oħra, ħlief li wieħed imur pubbliku. Huwa qal li m'huwiex ġust lanqas li fl-istqarrija li nħarġet mill-Mellieħa Sports Club saret referenza għaliħ u għal ħuħ b'mod personali .

2.3.5. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta l-kunsillieri huma obbligati li jgħatu l-istampa sħiħa lill-pubbliku. Għaldaqstant mhux il-każ li wieħed jagħlaq għajnejħ, imma li wieħed ikun kuraġġuż bil-għan li tittieħed fl-interess komuni.

2.3.6. Il-Viċi Sindku qal li f'kuntest ta' kunsill lokali, il-membri għandhom jimxu id f'id u mhux jinħolqu naħat differenti kif isir fil-politika nazzjonali. Huwa aċċenna għall-*issue* tat-traffiku fit-toroq ewlenin, fejn il-Kunsill kien flessibbli u wara li evalwa l-posizzjoni addottata mis-sidien tan-negozju, biddel il-posizzjoni originali.

2.3.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg ilmenta li mhux dejjem il-Kunsill kollu jkun infurmat b'dak li jkun għaddej, bħalma kien il-każ fir-rigward tal-materjal ippubblikat fil-magazin "Mill-Qiegħa" ta' Lulju 2011, dwar it-tibdil propost fis-sistema tat-traffiku fil-Mellieħa u l-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv. Huwa qal li l-istess jiġri fil-każ ta' infieq marbut ma' attivitajiet ta' ċertu portata. Dan ma jigix diskuss qabel u jsir magħruf hekk kif jgħaddi l-avveniment.

2.3.8. Il-Kunsillier C. Bartolo kkummenta li kien hemm okkażjonijiet fejn attendew il-kunsillieri tal-Partit Laburista biss, bħalma ġara fir-rigward tal-konferenza stampa li ssejħet f'Selmun b'rabta mal-bini ta' impjant tal-ippakkeġġjar f'istess inħawi. Huwa qal ukoll li l-istqarrija maħruġa mill-Kunsillieri Laburisti fid-9 ta' Awwissu 2011dwar l-estensjoni tal-uffiċċju amministrattiv, kienet proprju intiża biex twieġeb dak li nkiteb fil-magazin tal-Kunsill – Mill-Qiegħa.

2.3.9. Is-Sindku wieġeb li spiss qed ikun hemm każi fejn il-Kunsillieri jiġu notifikati b'attivitajiet li jkunu ser iseħħu bħal konferenzi stampa eċċ u sezzjoni minnhom ma tattendix. Fakkar li f'aktar minn nofs tal-attivitajiet il-Kunsillieri Laburisti kienu assenti. Bħala eżempju huwa semma l-konferenza stampa li saret fit-18 ta' Awwissu 2011, fejn kien hemm preżenti flimkien miegħu, il-Viċi Sindku E. Bartolo. Il-Kunsillier P. Cutajar inżerta li kien imsiefer fuq xogħol tal-Kunsill, filwaqt li H. Fenech kellu jidħol xogħol. Is-Sur R. Cutajar qal li għallinqas kien jistenna li xi ħadd iwieġeb u jgħid jekk jistax jattendi jew le. Dwar l-infieq, is-Sindku tenna li għalkemm isir sforz biex l-*items* ewlenin tal-infieq fuq l-attivitajiet ikunu magħrufa minn qabel, ikun hemm każi bejn seduta oħra li jkollhom jittieħdu deċiżjonijiet amministrattivi sabiex ix-xogħol jibqa' għaddej. Madankollu, dejjem fil-parametri tal-liġi u l-obbligi tar-Regolamenti Finanzjarji. Is-Sur R. Cutajar ipparaguna l-attivitajiet li kienu jiġu organizzati minn kunsilli preċedenti u dawk attwali. Huwa kkummenta li dawk attwali huma aktar komplessi fin-natura tagħhom li jagħmilha aktar diffiċli li jiġu previsti spejjeż fuq ċerti *items* sekondarji. Fakkar li konferenzi internazzjonali u attivitajiet mifruxa fuq aktar minn jum wieħed, bħalma huma l-Iljieli Melleħin, Milied Mellieħi u Jum il-Kunsill, huwa eżempji ċari.

## 2.4.1. *Beach Hat Parade* (X/1/1/Vol II)(E/3/4/Vol VIII)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-attivita` imsemmija li saret fis-27 ta' Lulju 2011, marret tajjeb u spikkat il-parteċipazzjoni tat-tfal li qed jattendu AvventuraSajf 2011.

2.4.3. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-fatt li attivitajiet ta' dan it-tip jgħinu biex jgħola l-istatus tal-bajja u jiġu nnutati ħafna mill-ispetturi tal-Blue Flag International. Huwa qal li jsiru żewġ spezzjonijiet kull sena bejn il-15 ta' Lulju u l-15 ta' Settembru.

## 2.5.1. Servizz tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ntalbet laqgħa mal-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni dwar is-suġġett t'hawn fuq. Ser ikunu mitluba jattendu uffiċjali minn Transport Malta u minn Arriva Malta Ltd. Intqal li-data tal-laqgħa tingħata lill-kunsillieri kollha sabiex min huwa nteressat, ikun jista' jattendi.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.6.1. Konkors - Sportivi Melleħin tas-Sena 2010/2011 (S/4/4)

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 9.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li s-serata *per se*` marret tajjeb, iżda kif ġie propost aktar qabel, jeħtieġ li jitfasslu kriterji sabiex jiġi evitat li konkors ikun iddominat minn sportivi li għamlu isem fuq bażi nazzjonali u/jew internazzjonali, u hekk jitħallew barra dawk li għadhom telgħin, li fl-ahhar mill-aħħar huma l-aktar sprotivi li jeħtiġilhom inkoraġġiment sabiex jibqgħu javvanzaw fid-dixxiplina rispettiva tagħhom. Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li jitwaqqaf sotto-kumitat immexxi mill-Kunsillier J. Buttigieg, il-Kunsillier H. Fenech u żewġ opinjonisti fil-qasam sportiv, bħala membri.

2.6.3. Il-Kunsilll approva l-proposta tas-Sindku.

## 2.7.1. *Soft area* bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida (K/6/4/1)

2.7.1. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf is-*sand filter* tal-*water feature* u l-funtana mhux possibbli li jitqiegħed fil-kamra fejn hemm l-arloġġ tal-elettriku u għalhekk irid isir kompartament ieħor fejn dan jista' jitqiegħed. Kompla jgħid li l-ħitan li qed jinbnew ser jitgħattew parti bil-ħamrija u parti bil-gagazza, skont disinn li ġie approvat fis-seduta Nru. 37 tas-24 ta' April 2010. Is-Sur R. Cutajar irrimarka li l-livell tal-pjattaformi li ser isiru bejn dawn il-ħitan inżammu baxxi kemm huwa possibbli sabiex il-qlib tar-rampi għal persuni b'diżabilita` ikun skont il-liġi. Dan l-aspett tal-proġett qed jiġi segwit mal-perit inkarigat

2.7.2. Is-Sur R. Cutajar qal li qed jiġi ppreparat *bill of quantities* dwar l-installazzjoni tad-dwal li ser ikunu tat-tip li jdawwlu l-passaġġi biss. L-istess installazzjoni tinkludi wkoll il-pompa taż-żewġ *water features.* Ser issir sejħa għal stimi fil-każ tal-bankijiet.

2.7.3. Is-Sindku għarraf ukoll li l-monument illi ser jitqiegħed fuq ir-*roundabout* kien tlesta u ser jitqiegħed fuq il-post fit-2 ta' Settembru 2011. Huwa qal ukoll li d-disinjatur Manuel Cini, li kien responsabbli għall-kordinazzjoni tax-xogħol, kien ser jitlob il-ħlas ta' €1,100.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 18/08/11;
- Skeda ta' Pagamenti – 23/07/11 – 13/08/11;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet ;
- Rapport dwar Intervisti mill-Bord tal-Għażla għall-Impjieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 – 28/07/11
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku – 22/07/11

## 4.0. Korrispondenza

## 4.1.1. *Centre strip* fi Triq il-Marfa bi dritt Triq Għajn Tuta (T/3/3/Vol IV)

4.1.2. Is-Segretarju rrefera għal petizzjoni datata 9 ta' Lulju 2011, mibgħuta minn bdiewa u residenti tat-Triq ta' Għajn Tuta li qed jitolbu sabiex jitħalla ftuħ fis-*centre strip* jew tinħoloq triq oħra li tgħaqqad ma' dik Tad-Dahar (Torri l-Aħmar). Dawn qed jilmentaw li ser ikollhom imorru l-Marfa biex jaslu l-Mellieħa.

4.1.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' *e-mail* datat 17 ta' Awwissu 2011, Transport Malta għarrfet li t-talba qed tiġi diskussa nternament biex tinstab soluzzjoni.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 18 ta' Awwissu 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-23 ta' Lulju u t-13 ta' Awwissu 2011.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskedi li għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 7.1. Inizjattivi mnedija mill-Għaqda Residenti ta' Santa Marija Estate (S/2/Vol V)

7.2. Il-Kunsill issuspenda s-seduta sabiex isiru nterventi mid-delegazzjoni tal-imsemmija għaqda li kienet magħmula mis-Sinjuri Sammy Vella, Bernard Blagg, Wilhelm Houtzaager, u l-Perit Edward Micallef.

7.3. Is-Sur S. Vella rringrazzja lill-Kunsill talli ta l-opportunita` lill-għaqda sabiex tkun tista' tispjega l-ħidma u l-pjanijiet tagħha. Kompla jgħid li l-għaqda ħawlet numru ta' siġar fil-Wied Ta' Għajn Żejtuna minn Triq il-Pont 'l isfel. Biex setgħu jagħmlu dan kellha titneħħa ħafna veġitazzjoni nvażiva. Biex ikomplu jsostnu din l-inizjattiva jeħtigilhom li jixtru numru ta' tankijiet biex jinħażen l-ilma matul ix-xhur tas-sajf. Jeħtieġ ukoll *shredder* biex iż-żkuk tas-siġar bħal dawk tal-eucalyptus u l-għollieq li jinqatgħu, jitħallew fuq il-post bħala *mulch* ħalli jżomm il-ħamrija bit-tira`, filwaqt li ma jikbirx ħaxix ħażin fuqha. Is-Sur S. Vella appella għall-għajnuna tal-Kunsill biex jiġi pprovdut dan it-tagħmir.

7.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg feraħ lill-Għaqda għall-inizjattivi li qed tieħu biex tirrijabilita l-Wied ta' Għajn Żejtuna. Huwa staqsa għaliex din l-inizjattiva ma tinkludix il-parti ta' fuq nett – minn Triq iż-Żebbuġ 'l isfel. Ippropona wkoll li jitwaqqaf kumitat tat-tmexxija.

7.5. Is-Sur S. Vella wieġeb li din il-parti tal-wied hija totalment mimlija għollieq u probabilment fiha kwantita` ta' ġrieden, filwaqt li parti minnha tista' tiġi żvluppata. Huwa qal li kumitat ta' tmexxija diġa jeżisti u qiegħed jiffunzjona. Dan huwa magħmul minn Cenmed Ltd u l-Ministeru għall-Ambjent u l-Affarijiet Rural. Il-Kunsill Lokali kien ġie mistieden sabiex jaħtar persuna bħala rappreżentant fuq dan il-kumitat. Is-Sur Vella appella wkoll sabiex jitfassal protocol, li permezz tiegħu l-Kunsill jgħin finanzjarjament, filwaqt li l-Għaqda tintrabat li timplimenta numru ta' inizjattivi li jiġu determinati minn qabel.

7.6. Is-Sur B. Blagg spjega li l-ħsieb tal-għaqda huwa r-rijabilitazzjoni tal-wied kollu, inkluż il-konservazzjoni u ħażna tal-ilma tax-xita sabiex il-proġett ikun sostenibbli. Dan il-għan jista' jintlaħaq bil-kostruzzjoni ta' ħitan tas-sejjieħ li jnaqqsu l-veloċita` tal-ilma tax-xita li jgħaddi mill-wied. Jinvolvi wkoll it-tħaffir ta' żewġ gwiebi taħt il-livell ta' Triq il-Qasab, peress li fil-wied mhux possibbli li jsir ebda żvilupp, billi huwa protett. Finalment din l-inizjattiva hija mmirata li tħares il-biodiversita` tal-wied fejn huwa magħruf li jeżisti l-qabru tal-ilma ħelu. Kompla jgħid li huwa stmat illi dan il-proġett jinvolvi studji u xogħol fuq il-post li kollu huwa stmat €230,000, liema spiża ħadd m'huwa kapaċi jsostni, jekk ma jinġiebx finanzjament bħal dak the toffri l-Unjoni Ewropea permezz ta' diversi programmi. Għalkemm teknikament għaqda volontarja tista' tapplika għall-fondi, huwa ferm diffiċli li tagħmel hekk minħabba nuqqas ta' persuni kwalifikati fi tħejjija tal-applikazzjoni, kif ukoll m'għandhomx aċċess għas-sorsi minn fejn jistgħu jikisbu dan it-tip ta' servizzi.

7.7. Is-Sindku qal li l-Fundazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral hija proprju ntiża biex tamministra fondi strutturali li ġew mgħoddija lill-Gvern Malti mill-Unjoni Ewropea u għalhekk tista' tingħata għajnuna dwar il-ksib ta' finanzjament minn dik id-direzzjoni, bl-intervent tal-Kunsill Lokali.

7.8. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar minn huwa l-proprjetarju tal-wied. Is-Sur S. Vella wieġeb li l-artijiet f'Santa Marija Estate oriġinarjament kienu proprjeta` tal-Curia li fl-1960 ingħataw b'ċens lill-kumpanija Central Mediterranean Corporation għal perjodu ta' 150 sena. Bi ftehim li kien sar bejn il-Gvern u l-Curia, attwalment din l-proprjeta` tappartjeni lill-Uffiċċju Konġunt. Is-Sur Vella qal li l-iskop finali tal-Għaqda huwa li jgħolli l-i*status* ta' protezzjoni li diġa għandu l-Wied Ta' Għajn Żejtuna.

7.9. Biex l-inizjattivi li qed jittieħdu jingħataw pubbliċita`, is-Sur B. Blagg talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jitwaħħlu tabelli b'tagħrif dwar il-Wied ta' Għajn Żejtuna. Dawn jistgħu jsiru fi Triq Għajn Żejtuna kantuniera ma' Triq il-Pont u kantuniera ma' Triq il-Qasab.

7.10. Fi tmiem tal-interventi li saru, is-seduta tkompliet u l-Kunsill iddeċieda li għandu jipprovdi għax-xiri tat-tankijiet u l-kiri tax-*shredder*, kif ukoll li jsiru t-tabella mitluba. Kien hemm qbil li għandhom jinbdew il-kuntatti sabiex jinkiseb finanzjament mill-Fundazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2011 **(A/5/3/5/Vol IV)**

8.2. Is-Sindku fakkar li għadhom għaddejjin kuntatti sabiex jinġiebu mużiċisti minn Cavriglia. Huwa qal li dawn lesti jħallsu t-titjiriet, filwaqt li l-Kunsill jipprovdi 50% tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, inkluż ukoll dawk tal-uffiċjali mill-Comune di Cavriglia.

8.3. Il-Kunsill approva dan l-arranġament billi jutilizza l-vot allokat għall-Ġemellaġġ ta' Cavriglia.

8.4. Is-Sur R. Cutajar fakkar li t-*tribute band* ta' "*The Beatles*" *per se*` tinvolvi nefqa ta' €4,130, filwaqt li l-biljetti tal-ajru għall-persuni li jiffurmaw dan il-grupp, jammontaw għal €1,237. L-akkomodazzjoni tagħhom ser tkun sponsorjata mill-Maritim Hotel Anton & Spa, filwaqt li sostenituri oħra ser ikunu Melita Cable li ser jagħmlu għotja ta' €250, kif ukoll 2000 messaġġ pubbliċitarju fuq telefons ċellulari, kif ukoll fuq mezzi televiżivi tal-istess kumpanija. Il-Bank of Valletta plc ser jagħmlu għotja ta' €600, filwaqt li għaddejjin ukoll kuntatti ma' Mediterranean Bank f'din id-direzzjoni. Huwa fakkar li permezz tal-Iskema Inizjattivi Attivitajiet Kulturali, is-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali alloka €8,000.

8.5. Ġie spjegat li spejjeż oħra ser ikunu ta' madwar €300 biex jinxtraw *scarfs* għall-membri tal-Kor Allenija, li huwa magħmul minn erbgħin membru Melleħin. Dan il-kor ser itellgħa sensiela ta' xogħlijiet vokali fis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa. Il-*cast* li tellgħa l-*musicals* "Imħabba fuq l-Għolja" u "El Mellaħa", din id-darba ser jeżekwixxi *musical* ieħor bl-isem ta' "Ħilitna" bil-kliem ta' Joe Chircop u l-mużika Philip Vella. Dan lest li jagħti servizz mingħajr ħlas, iżda talab il-ħlas għal kitarrista barrani li ser ikollu jinġieb peress li dak regolari tal-*band* tiegħu ser ikun nieqes. Il-vjolinista Simon Vella talab pjanista biex jakkumpanjah waqt il-*performance* tiegħu. Il-ħlas mitlub f'kull każ huwa ta' €100.

8.6. Residenti ta' vileġġjatura mill-*Għadira Caravan Site* ser ikunu qed jagħtu wirja ta' artiġġjanat, bħalma huwa xogħol bl-arkett, minjaturi ta' dgħajjes eċċ. Membri mill-Blue Beacon Bikers ser jgħatu wirja bil-muturi tagħhom f'Misraħ il-Parroċċa.

8.7. Il-Kunsill ġie mgħarraf li d-ditta Marsovin offrew li jtellgħu *stand* għall-bejgħ tal-inbid, filwaqt li ser iqassmu bejn 150 u 200 tazza bħala tifkira tal-Iljieli Melleħin 2011. Id-ditta Playmobil Malta Ltd ser tipprovdi rokna riżervata għat-tfal. Studenti mill-Fakolta` tal-Arkitettura fl-Universita` ta' Malta ser itellgħu wirja ta' skultura bir-ramel f'Misraħ il-Parroċċa.

8.8. F'dak li huma *stands* tal-ikel ser jarmaw l-Għaqda Dilettanti tan-Nar u l-Mellieħa Sports Club f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Il-kumitati tal-partiti politiċi ser ikunu qed jagħmlu l-istess mill-bottegini tas-sede rispettivi.

8.9. Is-Sindku ppropona li jkun hemm erba' palki mqassma fi Triq Ġorġ Borg Olivier faċċata tal-fergħa tal-HSBC Bank u ieħor fejn il-Maritim Hotel Antonin & Spa, fil-Bitħa tas-Santwarju u ieħor f'Misraħ il-Parroċċa. Ġie ssuġġerit li s-servizzi tal-audio jiġu pprovduti minn tliet kuntratturi differenti. Il-lista tal-preżentaturi li ġew ikkuntattjati huma s-Sinjuri Ronald Briffa, Sarah Lee Zammit, Anna Bonett, Romina Borg, Jesmond Fenech, Dona Mercieca, Clifford Galea u Marilyn Grima. Dawk fosthom li m'humiex Melleħin ġew offruti ħlas ta' €100 kull serata. Peress li mhux ser ikun hemm seduta oħra qabel dan l-avveniment, is-Sur R. Cutajar talab il-permess tal-Kunsill sabiex ikun jista jsir infieq ieħor

mhux previst f'dan l-istadju, sakemm dan ikun skont il-parametri stabbiliti fir-Regolamenti Finanzjarji.

8.10. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa, kif ukoll il-ħlasijiet marbuta magħhom.

**9.1. Sigurta` fil-*playing fields* (P/2)**

9.2. Is-Segretarju għarraf li nbdew l-ispezzjonijiet fil-*playing fields* kollha tal-lokalita` minn uffiċjali tal-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority.* Ir-rapport dwar Ġnien il-Qigħan mistenni li jiġi konkluż fi ftit jiem oħrajn. Il-ħtiġijiet osservati ser jiġu kklassifikati skont l-urġenza tagħhom. Fir-rigward tal-istess ġnien jidher li l-ewwel priorita` li nġibdet l-attenzjoni għaliha hija dik li jsir *wire netting* li jifred bejn id-Dar il-Madonna tal-Mellieħa minħabba d-diżlivell qawwi li jeżisti. Ġie nnutat ukoll li hemm numru ta' *cables* tal-elettriku li tħallew 'il fuq mill-wiċċ tal-ħamrija, illi faċilment jistgħu jintmessu mit-tfal jew jitlaqgħtu mill-gardinara.

9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**10.1. Ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa fil-Ħarifa 2011 (K/3)(C/4/Vol III)**

10.2. Is-Segretarju rrefera għall-stqarrija għall-istampa li nħarġet mid-Dipartiment tal-Informazzjoni fis-16 ta' Awwissu 2011, fejn tħabbru d-dati tal-istaġun tal-kaċċa għall-Ħarifa 2011. L-istqarrija tgħid li l-kaċċa minn fuq l-art tista' issir bejn l-1 ta' Settembru 2011 u l-31 ta' Jannar 2012, bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx fil-ġranet mit-Tnejn sas-Sibt, u bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u s-1.00pm fil-Ħdud u l-Festi Pubbliċi. Is-Sur C. Debono staqsa lill-Kunsill dwar jekk dan huwiex ser jaffettwa l-ħruġ tal-permessi għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax. Huwa fakkar li fl-istaġun preċedenti, il-ħruġ ta' permessi ġewwa l-Aħrax tar-Ramel, l-Aħrax tat-Tunnara, u l-Aħrax tal-Madonna kienu ġew sospiżi u kienu jingħataw biss fl-inħawi Tal-Qortin it-Twil fil-limiti tal-Armier.

11.2. Il-Kunsill Kunsillier J. Buttigieg qal li ż-żona Tal-Qortin it-Twil mhux daqshekk popolari peress li m'hemmx siġar. Huwa qal li l-Kunsill għandu jikkonsidra żoni oħra bħal dik Tas-Sdieri.

11.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-inħawi Tas-Sdieri jinsabu fil-konfini tal-Proġett Foresta 2000, tant li l-aċċess bil-vetturi għalihom huwa kkontrollat permezz ta' xatba.

11.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-kunsillieri għandhom jingħataw ġimgħa żmien sabiex jidentifikaw siti alternattivi u fin-nuqqas ta' dan il-permessi għall-ikkampjar għandhom jingħataw biss fl-inħawi tal-Qortin it-Twil matul l-istaġun tal-kaċċa.

**11.1. Fundazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral (P/10/1/Vol III)**

11.5. Is-Sindku għarraf li fit-18 ta' Awwissu 2011 issejħet laqgħa li għaliha ġew mistiedna għaqdiet u entitajiet privati fil-Mellieħa li jippromwovu l-arti u l-artiġġjanat bil-għan li jinkiseb finanzjament sabiex jitħarsu dawn it-tradizzjonijiet. Il-laqgħa kienet indirizzata mis-Sinjorina Marisa Marmara` mid-Fundazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral li ġiet fdata biex tamministra fondi allokati mill-Unjoni Ewropea għal dan il-għan.

11.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**12.1. Restawr ta' gallariji tal-injam u binjiet antiki (P/5/5)**

12.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-fatt li s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mit-Turiżmu u li taħtu taqa' ukoll il-MEPA, addotta policy fejn jiġu nkoraġġit il-finanzjament ta' proġetti ta' restawr permezz tal-Fond għat-Titjib Urban (UIF). Huwa ppropona li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda sabiex jiġi diskuss aktar fid-dettal.

12.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta.

**13.1. Agia Napa Festival 2011 (K/1/5/4)**

13.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni dwar dan is-suġġett li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-seduta Nru. 56 tal-11 ta' Lulju 2011. Huwa fakkar li dan l-avveniment ser iseħħ bejn it-22 u s-26 ta' Settembru 2011, fejn ser jittellgħa *stand* b'informazzjoni dwar il-Mellieħa. Huwa fakkar li l-Kunsill ta' Agia Napa offra l-akkomodazzjoni. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-biljetti tal-ajru għal tliet persuni jitħallsu mill-vot tal-ġemellaġġi.

13.3. Kien hemm qbil li għandhom jattendu s-Sindku R. Cutajar, il-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillier J. Azzopardi.

**14.1. Riklamar fuq għamara tat-toroq (T/4/3/Vol II)**

14.2. Il-Kunsillieri J. Buttigieg aċċenna għal *streamer* li twaħħal fin-naħa ta' barra ta' Triq il-Kbira, bl-iskop li jsir riklamar ta' prodotti li jinbiegħ minn ħanut li jinsab fl-istess triq, liema *streamer* ingħataw struzzjonijiet mill-Kunsill lil sidu sabiex jitneħħa. Huwa qal li l-persuna konċernata kienet ikkuntattjat lis-Segretarjat tal-Kunsill sabiex tkun taf jekk dan huwiex permessibbli qabel għamlitu.

14.3. Is-Segretarju wieġeb li l-uffiċjal konċernat kienet ġibdet l-attenzjoni għall-*Bye-laws* 37/1/99 fejn hemm stipulat li l-Kunsill jikkonsidra t-twaħħil ta' reklami fuq l-għamara tat-toroq, wara li ssir applikazzjoni fuq il-formola preskritta. F'dan il-każ, la saret applikazzjoni u wisq anqas inħareġ permess bil-kitba. Is-Sur C. Debono għamilha ċara li anke f'każ li saret applikazzjoni, mhux neċessarjament joħroġ il-permess.

14.4. Is-Sindku fakkar ukoll li dan l-i*streamer* kien ilu jiem imwaħħal minn naħal għall' oħra ta' Triq il-Kbira, meta fil-fatt applikazzjoni ma saret qatt. Aċċenna wkoll li riċentement kien hemm talbiet simili, anke minn għaqdiet volontarji, li ġew rifjutati.

**15.1. Twaħħil ta' *barriers* fi Triq il-Kbira k/m Misraħ tas-Salib (T/4/10)**

15.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett fis-seduta 55 tal-14 ta' Ġunju 2011. Huwa fakkar li l-Kunsill kien approva it-twaħħil ta' *barriers* simili għal dawk li diġa jeżistu f'żoni oħra *(U-bends)*, eżatt mal-kurduna tal-bankina, bil-kundizzjoni li jitneħħew il-qsari li tqiegħdu mis-sidien tar-ristorant. Intqal ukoll li għalkemm ma ġiex reġistrat fil-minuti, l-ispiża tal-*barriers* kellu jġorrha l-Kunsill.

15.3. Il-Kunsill ikkonferma l-punt imqajjem.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fil-11.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' Settembru 2011, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**